MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 296/2006

**Fithome Limited**

**vs**

**Ultra Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti premettiet:

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 1998 fil-kawza numru 2868/97AJM fl-ismijiet **"Fithome Limited vs Ultra Services Limited (C16690)",** is-socjeta' esponenti giet ikkanonizzata kreditur tal-imsemmija socjeta' Ultra Services Limited fis-somma ta' hamest elef u sitt mija u sbatax Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm5617.64), kif ukoll l-ispejjes kollha, nkluzi tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru u tal-Mandati Kawtelatorji ta' Sekwestru (Nru6005/97) u ta'

Qbidipprezentati fil-5 ta' Dicembru 1997, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi, minkejja li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza fuq imsemmija, is-socjeta' mittenti baqghet ma thallsitx, u ghalhekk is-somma ta' hamest elef u sitt mija u sbatax Iiri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm5617.64) kif ukoll l-ispejjes kollha u l-imghax kif hawn fuq imsemmi, ghadhom dovuti lis-socjeta mittenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi sabiex tezegwixxi s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 1998 hawn fuq msemmija, *nonostante* ghaddew hames snin mid-data tal-imsemmija sentenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li Alfred Vella ghas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fis-26 ta' Jannar 1998 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni il-pagament ta' hamest elef u sitt mija u sbatax Iiri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm5617.64) kif ukoll l-ispejjes kollha, nkluzi tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru u tal-Mandati Kawtelatorji ta' Sekwestru (Nru6005/97) u ta' Qbid ipprezentati fil-5 ta' Dicembru 1997, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------